GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM
U ASSESSJAR

# ĊIRKULARI

**Data:** 5 t'Awwissu 2021 **Ref:** DLAP 206/2021

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet taċ-Ċentri tal-Kindergarten, l-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** David Muscat – Kap Eżekuttiv, Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** Il-Jum Ewropew tal-Lingwi 2021

---

Il-Kunsill tal-Ewropa jorganizza l-*Jum Ewropew tal-Lingwi* biex jiċċelebra d-diversità lingwistika. Fl-Ewropa, it-800 miljun Ewropew, tas-47 stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa huma mħeġġa jsiru midħla ta' firxa ta' lingwi tul ħajjithom.

Din is-sena, bħala parti mill-attivitajiet tal-Jum Ewopew tal-Lingwi, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tħeġġeġ lit-tfal u ż-żgħażagħ (tà bejn 3 u 16-il sena) biex juru x'kapaċi jagħmlu bil-lingwi barranin.

Il-parteċipanti huma mistiedna jieħdu sehem fil-kompetizzjoni: ***X'inti kapaċi tagħmel b'lingwa barranija?*** billi joħolqu filmat qasir li juri l-ħiliet tagħhom f'lingwa barranija li jridu. It-tfal u ż-żgħażagħ jistgħu joħolqu filmat waħidhom, jew ma' sħabhom, ħuthom, għalliema jew membri tal-familija tagħhom. It-tul tal-filmat għandu jkun ta' bejn 2 u 5 minuti. Dawn huma xi eżempji li tista' tinkludi fil-filmat/i. Ninkoraġġixxu lill-parteċipanti jissorprenduna bl-ideat kreattivi tagħhom.

1. Sajjar ikla u spjega r-riċetta b'lingwa barranija.
2. Tkellem b'lingwa barranija dwar pajjiż li żort jew tixtieq iżżur.
3. Irrekordja u spjega xi ħaġa li tħobb tagħmel id-dar b'lingwa barranija.
4. Ikteb u aqra test qasir, bħal poeżija, kanzunetta jew storja b'lingwa barranija.
5. Irreċta skeċċ b'lingwa barranija.
6. Aqra jew irrakkonta storja b'lingwa barranija.

Is-sottomissjoniet se jiġu ewalvati għall-użu tal-lingwa barranija, il-kwalità tal-filmat u l-kreattività. Iktar informazzjoni u ideat jistgħu jinkisbu mis-sit tal-Jum Ewropew tal-Lingwi: https://edl.ecml.at/

**Is-sottomissjoniet għandhom jintbagħtu sal-Ġimgħa, 10 ta' Settembru 2021.**

Il-ġenituri/kustodji għandhom jimlew il-formola tan-nominazzjoni biex it-tfal tagħhom jkunu jistgħu jipparteċipaw f'din il-kompetizzjoni. Għandha timtela formola għal kull tifel/tifla li jipparteċipa/tipparteċipa. L-edukaturi għandhom jitolbu lill-ġenituri/kustodji biex jimlew il-formola: https://forms.office.com/r/eituqLvkcU

Il-filmat jista' jintbagħat f'messaġġ privat lill-paġna tal-Facebook uffiċjali ta' dan l-avveniment: *Il-Politika Lingwistika* https://www.facebook.com/langpolicymalta.

Il-parteċipanti għandhom jinkludu **l-isem tat-tifel jew tifla** fil-messaġġ.

Għal iktar tagħrif, jekk jogħġbok ċempel 25983328 jew ibgħat ittra elettronika lil lara.ann.vella@ilearn.edu.mt.

Grazzi tal-attenzjoni.

**Sandra Ebejer**
**Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**